# Il-Vulcan Bomber

Kien Ottubru tas-sena 1975. Jien kont għalliema żagħżugħa ta' ħamsa u għoxrin sena fl-iskola Primarja ta' Ħaż-Żabbar, sewwa sew fl-iskola l-kbira. Kien il-ħin tal-*break* it-twil. Dak iż-żmien konna nispiċċaw l-iskola fl-erbgħa neqsin kwart u f'nofsinhar il-maġġor parti tat-tfal kienu jmorru d-dar. Iżda dawk tax-Xgħajra, ta' St. Peter's u xi oħrajn kienu jibqgħu l-iskola u jkollhom għalliema tiegħu ħsiebhom. Dik il-ġurnata mess lili li nkun *supervision*.

Kollox kien miexi ħarir. Konna fis-sular ta' fuq, f'dik il-klassi li tinfed ma' fejn kien hemm l-artal dak iż-żmien. Xi tfal kienu għadhom qed jieklu, oħrajn kienu bil-qiegħda jilagħbu u oħrajn kienu ħdejja f'rokna tal-klassi fejn konna qed nieħdu ħsieb xi xtieli tal-*acacia*, li dak iż-żmien konna nkabbru l-iskola. F'daqqa waħda nisimgħu ħsejjes kbar fuq is-saqaf tal-klassi, li kien jiġi l-bejt tal-iskola.

L-ewwel ħsieb li ġieni, kien li kienet gwerra u skantajt kif gwerra tiġi hekk, ħabta u sabta. Fl-istess ħin, minn fejn kont nara parti mill-ajruplan nieżla ġol-bitħa. Twerwirt u ma kontx naf x'se naqbad nagħmel b'dawk il-ħafna tfal li kelli miegħi. Kienu mwerwrin bħali u b'għajnejhom bdew jgħiduli: "X'se nagħmlu?"

Ippruvajt nikkalmaħom kif stajt u għedtilhom biex ma jibżgħux u jimxu warajja, waħda wara l-oħra u jżommu mal-ħajt u ma jersqux lejn l-arkati l-kbar li kienu jagħtu għal ġol-bitħa. F'kemm ili ngħidlek inżilna t-tlett sulari u sibna ruħna ħdejn il-bieb ta' barra fejn sibna folla kbira ta' nies imwerwra daqsna jfittxu lil uliedhom. Fosthom kien hemm l-imsejkna ommi wkoll, għax hi kellha żewġt ibniet jgħallmu f'dik l-iskola u t-tnejn kienu hemm ġew dakinhar.

Hekk kif rajna li t-tfal kollha sabu l-ġenituri jew xi qraba tagħhom, bdejna nippruvaw naqbdu x'ġara. Il-Madam, dak iż-żmien kienet il-ħabrieka Miss Lina Turban, li ħallietna ftit ilu. Bdiet tipprova tikkalmana kif tista' mill-qatgħa li kellna u spjegatilna kif kien waqa' ajruplan *Vulcan Bomber* fuq partijiet differenti ta' Ħaż-Żabbar.



Morna d-dar. Jien kont noqgħod triq is-Santwarju, ħdejn il-Knisja. Ftit aktar 'l isfel minna, quddiem il-ħanut ta' Ganga kien waqa' xi żjut mill-ajruplan u kien hemm nirien kbar u ħafna ħsara. Id-djar tal-viċin kellhom ħafna ħsara. Kienet xena tal-biżgħa. Kienet tilfet ħajjitha waħda, is-Sinjura Zammit, li b'kumbinazzjoni kienet tibża' ħafna mill-ajruplani; nismagħhom jgħidu. Xi tfal kienu mardu bil-qatgħa li kienu ħadu u għal xi żmien ma kinux ġew skola. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Zarb kien organizza purċissjoni bil-Madonna tal-Grazzja, li għal darb'oħra kienet daħlet għalina.

***Mary Grace Bellia (Borg)***

